MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 22/2012

**Danny Shoobert ghan-nom tas-socjeta Matrix Scaffolding Limited [C-35772]**

**Vs**

**Damien Ebejer**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-18 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' elf sitta mija sitta u tletin euro u sitta u tletin centezmi ta' euro [€1,636.36] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf sitt mija sitta u tletin euro u sitta u tletin centezmu (€1,636.36) liema somma hija dovuta lis-socjeta attrici in konnessjoni ma servizzi skond diversi invoices minn Lulju 2008 sa Dicembru 2008;

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 1088/10 datata 4 ta’ Mejju 2010 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ngunti ghas-subizzjoni”

Ra **r-risposta tal-konvenut Damien Ebejer** imressqa fit-2 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha, l-imsemmi konvenut sostna:

i. Illi preliminarjament, ghandu jigi kjamat in kawza l-Perit Martin Xuereb, li kien il-persuna inkarigata mix-xogholijiet in kwistjoni.

ii. Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma huwiex ammont reali ghas-servizzi li gew offruti.

iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta attrici fl-20 ta’ April, 2012 u li permezz taghha hija ddikjarat li t-talba taghha qeghda tigi ridotta ghas-somma ta’ €642.86 minflok l-ammont originarjament mitlub;

Ra l-verbal tal-20 ta’ April, 2012 fejn il-konvenut:

i. obbliga ruhhu li jhallas l-ammont kif ridott f’rati mensili ta’ mitt euro (€100) bl-ahhar pagament ikun ta’ tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta’ euro (€42.86);

ii. qabel u ddikjara li huwa sejjer ihallas wkoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali 1088/10 kif ukoll l-ispejjez ta’ din il-kawza basta li t-taxxa tinhadem fuq l-ammont ta’ €642;

iii. ddikjara li jekk huwa ma jhallasx l-ammont mensili ta’ €100 kif hawn fuq spjegat jew kull ammont iehor minnu

dovut in konnessjoni ma’ l-istess huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fadal jigi dovut f’daqqa.

iv. ddikjara li ser ihallas l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali 1088/10 u ta’ din il-kawza ma’ l-ahhar pagament dovut.

v. ddikjara li l-ewwel pagament jithallas fit-30 ta’ April, 2012.

Ra li dan il-verbal gie ffirmat mill-partijiet sabiex juru l-adezzjoni taghhom ghall-istess u talbu li dan il-ftehim jigi nkorporat f’sentenza.

Ra l-verbal tal-20 ta’ April, 2012 u li permezz taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In vista tal-fatt li l-konvenut accetta li huwa ghandu jhallas l-ammont tas-sorte kif ridott skond kif ftehmu l-partijiet quddiemu, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut u li ghandu jithallas mill-konvenut lis-socjeta attrici huwa ta’ sitt mija tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta’ euro (€642.86).

2. Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija proprjament talba sabiex jigi kjamat in kawza l-perit Martin Xuereb li kien il-persuna nkarigata mix-xogholijiet in kwistjoni u li fihom intuza l-i*scaffolding* proprjeta tas-socjeta attrici. In vista tal-fatt li l-konvenut accetta li huwa jhallas l-ammont kif ridott mis-socjeta attrici fis-seduta tal-20 ta’ April, 2012, it-Tribunal ma jarax li hemm lok li jezamina din l-istess talba u konsegwentement qieghed jichadha.

3. Ghar-rigward tal-eccezzjoni numru tnejn (2) u cioe li “*l-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma huwiex ammont*

*rejali ghas-servizzi li gew offruti*" jinghad li fis-seduta mizmuma quddiemu fl-20 ta' April, 2012, s-socjeta attrici rriduciet l-ammont minnha mitlub fit-talba originarjament mressqa quddiem it-Tribunal. Fl-istess seduta, l-konvenut accetta li huwa jhallas l-ammont hekk ridott. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi ukoll michuda.

4. Illi l-partijiet qablu li dak minnhom verbalizzat jigi riprodott f'din is-sentenza u huma fil-fatt iffirmaw il-verbal datat 20 ta' April, 2012 biex jikkonfermaw dak minnhom miftiehem.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, jichad l-eccezzjonijiet kollha tieghu, jilqa t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta' euro (€642.86) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta' euro (€642.86) lis-socjeta attrici kif maqbul bejn il-partijiet u kif sejjer jinghad hawn taht:

(i) L-ewwel pagament ta' mitt euro (€100) jkun dovut mad-data ta' din is-sentenza;

(ii) Ir-rimanenti ammont ta' hames mija tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta' euro (€542.86) jithallsu f'pagamenti mensili ta' mitt euro (€100) fix-xahar b'dan illi l-ahhar pagament ghandu jkun ta' tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta' euro (€42.86).

(iii) L-ewwel pagament, wara dak tal-lum, ikun dovut fl-ahhar ta' Mejju, 2012 u wara dan il-pagament f'kull l-ahhar ta' kull xahar sakemm jithllas l-ammont kollhu;

(iv) F’kaz li l-konvenut ma jhallasx, imqar pagament wiehed mensili, allura huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fadal jigi dovut f’daqqa.

(v) Huwa ghandu jhallas l-ispejjez ta’ din il-kawza u ta’ l-ittra ufficjali numru 1088/10 ma’ l-ahhar pagament tas-sorte biex b’hekk l-ahhar pagament ghandu jinkludi fih is-sorte ta’ tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta’ euro (€42.86) u l-ispejjez ta’ din il-kawza u ta’ l-ittra ufficjali hawn imsemmija.

L-ispejjez, in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenut ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom minnu b’dan illi t-taxxa, kif diga inghad, ghandha tinhadem fuq l-ammont ammess u dovut ta’ sitt mija tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi ta’ euro (€642.86).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------